

Il-Linji Gwida għall-preapplikazzjoni tal- mudelli interni

II-Linji Gwida għall-preapplikazzjoni tal-mudelli interni

1. L-introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1904/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn issa 'l quddiem, ir-Regolament dwar l-EIOPA)¹ l-EIOPA qed toħroġ Linji Gwida lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar kif jipproċedu fil-fażi preparatorja li twassal għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II)².
- 1.2. Il-Linji Gwida preżenti japplikaw għall-proċess ta' preapplikazzjoni tal-mudelli interni, fejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mistennija li jiffurmaw opinjoni dwar kemm hija ppreparata impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex tissottometti applikazzjoni għall-użu tal-mudell intern għall-kalkolu r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza skont Solvenza II u biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-mudelli interni stabbiliti fid-Direttiva, b'mod partikolari fl-Artikoli 112, 113, 115, 116, u 120 sa 126.
- 1.3. Fin-nuqqas ta' Linji Gwida preparatorji, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali Ewropej jistgħu jaraw il-ħtieġa li jiżviluppaw soluzzjonijiet nazzjonali sabiex tiġi żgurata superviżjoni b'saħħitha li tkun sensittiva għar-riskji. Minflok li tintlaħaq superviżjoni konsistenti u konverġenti fl-UE, jistgħu joħorġu soluzzjonijiet nazzjonali differenti għad-detriment ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.
- 1.4. Huwa ta' importanza kbira li jkun hemm approċċ konsistenti u konverġenti fir-rigward tal-preparazzjoni ta' Solvenza II. Dawn il-Linji Gwida għandhom jitqiesu bħala ħidma preparatorja għal Solvenza II billi tiġi promossa l-preparazzjoni fir-rigward ta' oqsma ewlenin ta' Solvenza II sabiex tiġi żgurata ġestjoni tajba tal-impriżi u li s-superviżuri jkollhom biżżejjed informazzjoni f'idejhom. Dawn l-oqsma huma s-sistema ta' governanza, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju u valutazzjoni li tħares 'il quddiem tar-riskji proprji tal-impriża (ibbażati fuq il-prinċipji ta' Riskju Proprju u Valutazzjoni tas-Solvenza), il-preapplikazzjoni għall-mudelli interni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.
- 1.5. Il-preparazzjoni bikrija hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li meta Solvenza II tkun applikabbli b'mod sħiħ, l-impriżi u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu ppreparati sew u jkunu jistgħu japplikaw is-sistema l-ġdida. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mistennija li jidħlu fi djalogu mill-qrib mal-impriżi.
- 1.6. Bħala parti mill-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' Solvenza II, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-1 ta' Jannar 2014 għandhom idañhlu fis-seħħ, il-Linji Gwida kif stabbilit f'dan id-dokument biex l-impriżi ta'

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

assigurazzjoni u riassigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' Solvenza II.

- 1.7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu lill-EIOPA, rapport tal-progress dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sa tmiem Frar wara kull sena rilevanti, l-ewwel wieħed għandu jintbagħat sat-28 ta' Frar 2015 abbażi tal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.
- 1.8. Il-Linji Gwida tal-EIOPA dwar il-Preapplikazzjoni tal-Mudelli Interni għandhom li għan li jagħtu gwida dwar x'għandhom iqisu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li qed tipparteċipa fil-proċess ta' preapplikazzjoni biex ikunu jistgħu jiffurmaw opinjoni dwar kemm din l-impriża hija ppreparata biex tissottometti applikazzjoni għall-użu taħt Solvenza II tal-mudell intern għall-kalkolu r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza. Għalhekk il-proċess ta' preapplikazzjoni mhuwiex preapprovazzjoni tal-mudell intern. Taħt Solvenza II impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni trid tkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva kif speċifikat iktar fl-Atti Delegati meta joħorġu.
- 1.9. Il-Linji Gwida jimmiraw li jżidu l-konverġenza tal-prattiċi ta' kontroll matul il-proċess ta' preapplikazzjoni. Huma għandhom ukoll jgħinu impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex tiżviluppa l-qafas tal-mudell intern tagħha u mbagħad tipprepara biex tissottometti applikazzjoni biex tuża l-mudell intern taħt Solvenza II. Huma jestendu wkoll il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-impriża li qed timmira li tissottometti applikazzjoni għal deċiżjoni dwar l-użu tal-mudell intern mill-ewwel jum li jkun applikabbli Solvenza II.
- 1.10. Fil-każ tal-proċess ta' preapplikazzjoni għall-gruppi, għandu jkun hemm livell xieraq ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan il-kulleġġi, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.
- 1.11. Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkompli matul il-preapplikazzjoni u l-valutazzjoni futura tal-applikazzjoni li l-impriża tista' tissottometti taħt Solvenza II, u wara li l-mudell intern ikun approvat matul il-proċess ta' reviżjoni ta' kontroll.
- 1.12. Iktar dispożizzjonijiet dwar il-proċess ta' preapplikazzjoni huma inklużi fil-Gwida Livell 3 tas-CEIOPS dwar il-proċess ta' Preapplikazzjoni tal-mudelli interni (li kien magħruf bħala CEIOPS Consultation Paper 80)³.
- 1.13. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mistennija li jassiguraw li dawn il-Linji Gwida jiġu applikati b'mod li huwa proporzjonat għall-għamla, l-iskala u l-kumplessità inerenti fir-riskji u n-negozju tal-impriża ta' assicurazzjoni u riassigurazzjoni. Il-Linji Gwida diġà jirriflettu l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità peress li għandhom il-prinċipju integrat fihom u wkoll billi jintroduċu miżuri speċifiċi f'ċerti oqsma.

³ https://eiopa.europa.eu/fileadmin/tx_dam/files/consultations/consultationpapers/CP80/CEIOPS-DOC-76-10-Guidance-pre-application-internal-models.pdf

1.14. Il-Linji Gwida kollha japplikaw, sakemm mhux mistqarr espliċitament mod ieħor, għall-proċess ta' preapplikazzjoni għal:

- Mudell intern, sħiħ jew parzjali, li jkun sottomess għal deċiżjoni biex jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza Meħtieġ ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni taħt Solvenza II.
- Mudell intern għal grupp, sħiħ jew parzjali, kif definit hawn taħt, li jkun sottomess għal din id-deċiżjoni.

1.15. Għall-għan tal-Linji Gwida f'Sezzjoni II dawn id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

- "*Mudell(i) interni fil-livell ta' grupp (jew ta' gruppi)*" għandha tinftiehem kemm bħala mudell intern li jintuża taħt Solvenza II għall-kalkolu biss tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tal-Grupp Konsolidat (skont l-Artikolu 230 ta' Solvenza II) u mudell intern li jintuża taħt Solvenza II għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tal-Grupp Konsolidat kif ukoll bħala r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' mill-inqas impriża waħda relatata inkluża fl-iskop ta' dan il-mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tal-Grupp Konsolidat (mudell intern fil-livell ta' grupp skont l-Artikolu 231 ta' Solvenza II).
- "*L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konċernati*" għandha tinftiehem bħala l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom jinsabu l-uffiċċji ewlenin ta' kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni inkluża fl-iskop ta' mudell intern fil-livell ta' grupp kif referut hawn fuq (l-Artikolu 231 tas-Solvenza II) u li għalih ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jkun kalkulat mill-mudell intern fil-livell ta' grupp.
- "*L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti*" għandha tinftiehem bħala l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha fejn jinsabu l-uffiċċji ewlenin ta' impriżi relatati inklużi fl-iskop ta' mudell intern fil-livell ta' grupp (kemm taħt l-Artikolu 230 kif ukoll l-Artikolu 231 ta' Solvenza II).

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konċernati fil-każ ta' mudell intern fil-livell ta' grupp skont l-Artikolu 231 ta' Solvenza II huma parti minn dawn *l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti*.

- "*Ġudizzju espert*" għandha tinftiehem bħala l-kompetenza tal-persuni individwali jew tal-kumitati bl-għarfien, l-esperjenza u l-ħila rilevanti li jifhmu r-riskji inerenti fin-negozju tal-assigurazzjoni jew tar-riassugurazzjoni.
- Il-kunċett ta' "*ir-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà*" huwa determinat b'mod prinċipali f'żewġ dimensjonijiet: il-firxa tal-għarfien tal-impriża dwar il-profil tar-riskju kif rifless fis-sett ta' avvenimenti fundamentali għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-kapaċità tal-metodu ta' kalkolu magħżul biex jittrasforma din l-informazzjoni f'distribuzzjoni ta' valur ta' flus li tkun relatata mal-

bidliet fil-fondi bażiċi tagħha stess. Il-kunċett ta' rikkezza ma għandux ikun ridott għall-granularità tar-rappreżentazzjoni tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà għaliex anki previżjoni f'forma kontinwa tista' tkun ta' rikkezza baxxa.

- Il-*"miżura ta' riskju ta' referenza"* għandha tinftiehem bħala l-Valur f'Riskju tal-fondi bażiċi proprji soġġetti għal-livell ta' fiduċja ta' 99,5% fuq perjodu ta' sena kif stabbilit fl-Artikolu 101(3) tas-Solvenza II.
- *"Formuli analitiċi magħluqa"* għandha tinftiehem bħala formuli matematiċi diretti li jorbtu l-miżura tar-riskju magħżula mill-impriża għal dak ta' referenza kif definit hawn fuq.
- *"t=0"* għandha tinftiehem bħala d-data li fiha ssir il-komputazzjoni tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza mill-impriża skont il-mudell intern tagħha.
- *"t=1"* għandha tinftiehem bħala sena wara d-data li fiha ssir il-komputazzjoni tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza mill-impriża skont il-mudell intern tagħha.
- Aspett kwantitattiv jew kwalitattiv tal-mudell intern għandu jkun meqjus bħala *"materjal"* meta bidla jew żball f'dan l-aspett tista' tiġġenera impatt fuq l-effetti tal-mudell intern, li jista' jinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dik l-informazzjoni, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

1.16. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014.

Sezzjoni I: Id-Dispożizzjonijiet Ġenerali għal-Linji Gwida

Linja Gwida 1 – Id-Dispożizzjonijiet Ġenerali għal-Linji Gwida

- 1.17. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex ipoġġu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014 il-Linji Gwida preżenti dwar il-Preapplikazzjoni tal-Mudelli Interni.
- 1.18. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiffurmaw opinjoni dwar kemm hija ppreparata impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni involuta fil-proċess ta' preapplikazzjoni biex tissottometti applikazzjoni għall-użu ta' mudell intern għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza taħt Solvenza II u biex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE, b'mod partikoalri fl-Artikoli 112, 113, 115, 116, 120 sa 126 u 231.
- 1.19. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni involuta fil-proċess ta' preapplikazzjoni tiegħu l-passi xierqa biex:
- (a) tibni l-mudell intern tagħha b'tali mod li jgħinha tkun ippreparata biex tuża l-mudell intern kemm għall-għanijiet ta' ġestjoni tar-riskju u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll il-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ; u
 - (b) tipprepara għall-eventwalità li l-mudell intern tagħha jista' ma jkunx approvat u tistabilixxi proċessi biex tikkalkula l-formula standard għar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza kif ukoll tikkunsidra l-implikazzjonijiet tal-ippjanar tal-kapital.

Linji Gwida 2 – Ir-rapport tal-progress lill-EIOPA

- 1.20. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu lill-EIOPA, rapport tal-progress dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida sa tmiem Frar wara kull sena rilevanti, l-ewwel wieħed ikun sat-28 ta' Frar 2015 ibbażat fuq il-perjodu l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

Sezzjoni II: Il-preapplikazzjoni tal-mudelli interni

Kapitolu 1: Il-Linja Gwida Ġenerali

Linja Gwida 3 – Ir-reviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

- 1.21. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni, fid-definizzjoni u l-kunsiderazzjoni tal-medda tar-reviżjonijiet li jwettqu għall-għanijiet ta' dan il-proċess, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu għall-inqas:
- (a) l-ispeċifikitajiet tal-impriża involuta fil-proċess ta' preapplikazzjoni, u tal-mudell intern tagħha;
 - (b) ir-relazzjoni bejn l-aspett tal-mudell intern li jkun qed jiġi rivedut u partijiet oħra tal-mudell intern; u
 - (c) il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 29(3) ta' Solvenza II filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-prinċipju tal-proporzjonalità ma għandux, madankollu, jinftiehem bħala 'waving' jew li jbaxxi kwalunkwe mir-rekwiżiti tal-mudelli interni stabbiliti f'Solvenza II. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità billi jqisu:
 - (i) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li hija esposta għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni; u
 - (ii) id-disinn, l-iskop u l-aspetti kwalitattivi tal-mudell intern ta' din l-impriża.
- 1.22. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jagħtu r-reazzjonijiet kontinwi tagħhom lill-impriża dwar ir-reviżjonijiet li jwettqu fuq il-mudell intern għall-għanijiet ta' preapplikazzjoni.
- 1.23. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għandhom jassiguraw li l-impriża tissottomettihom il-formula standard tar-Rekwiżit ta' Kapital ta' Solvenza. L-informazzjoni li trid tiġi sottomessa għandha tkopri r-Rekwiżit ta' Kapital ta' Solvenza u l-kategoriji ta' riskju li ġejjin għar-riskji li jaqgħu taħt l-ambitu tal-mudell intern:
- (a) Ir-riskju tas-suq
 - (b) Ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti
 - (c) Ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja
 - (d) Ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa
 - (e) Ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja
 - (f) Ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja
 - (g) Ir-riskji operattivi

1.24. L-informazzjoni li trid tiġi sottomessa għandu jsir qbil fuqha bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-aktar livell kapillari, meta huma jqisu xieraq, u għandha tqis il-punti kif definiti fl-Anness Tekniku I u d-dettall deskritt fl-Anness Tekniku II tal-“Linji Gwida dwar is-sottomissjoni ta’ informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti”. Din is-sottomissjoni ta’ din l-informazzjoni għandha ssegwi d-dati ta’ referenza u l-iskadenzi li għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mal-impriża matul il-proċess ta’ preapplikazzjoni.

Linja Gwida 4 - Il-bidliet għall-mudell intern matul il-preapplikazzjoni

1.25. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu monitoraġġu, fejn ikun xieraq, jirvedu bidliet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħmel għall-mudell intern tagħha wara li jkunu ntemmu ftit reviżjonijiet matul il-proċess ta’ preapplikazzjoni.

1.26. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassiguraw li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinnotifikahom dwar kwalunkwe bidliet għall-mudell intern jew pjan ta’ bidliet li l-impriża tikkunsidra rilevanti.

1.27. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, b’rabta mal-bidliet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħmel għall-mudell intern tagħha matul il-proċess ta’ preapplikazzjoni, jiffurmaw opinjoni dwar, mill-inqas:

- (a) il-governanza li l-impriża tistabbilixxi b’rabta ma’ dawn il-bidliet, inkluż l-approvazzjoni interna tal-bidliet, il-komunikazzjoni interna, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-bidliet; u
- (b) il-klassifikazzjoni tal-bidliet li tistabbilixxi l-impriża.

Kapitolu 2: Il-bidliet għall-mudell

Linja Gwida 5 – L-iskop tal-politika dwar bidliet għall-mudell

1.28. Matul il-proċess ta’ applikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tistabbilixxi l-politika dwar bidla għall-mudell, tkopri s-sorsi rilevanti kollha tal-bidla li jkollhom impatt fuq ir-Rekwiżit ta’ Kapital tas-Solvenza , u għall-inqas bidliet:

- (a) fis-sistema ta’ governanza tal-impriża;
- (b) fil-konformità tal-impriża mar-rekwiżiti biex tuża l-mudell intern;
- (c) fl-adeġwità tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mudell intern tal-impriża; u
- (d) fil-profil tar-riskju tal-impriża.

Linja Gwida 6 – Id-definizzjoni ta' bidla maġġuri

- 1.29. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiżviluppa u tuża numru ta' indikaturi kwalitattivi jew kwantitattivi ewlenin biex tiddefinixxi bidla maġġuri, u jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxix approċċ oġġettiv għall-ikklassifikar tal-bidliet bħala maġġuri.
- 1.30. Filwaqt li l-impatt kwantitattiv ta' bidla għall-mudell fuq ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jew fuq komponenti individwali tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jista' jkun wieħed mill-indikaturi li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tippjana li tuża biex tidentifika bidliet maġġuri, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tassigura li jintużaw ukoll indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi oħra.
- 1.31. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-indikaturi li tiżviluppa jqisu l-ispeċifikitajiet tal-impriża nnifisha u tal-mudell intern tagħha.

Linja Gwida 7 – Il-kombinazzjoni ta' numru ta' bidliet

- 1.32. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tippjana li tevalwa l-effett ta' kull bidla f'iżolament u l-effett tal-bidliet kollha kkombinati fuq ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jew il-komponenti individwali tiegħu.
- 1.33. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tippjana li tevalwa dawn l-effetti biex tipprevjeni li impatti individwali li jibbilanċjaw lil xulxin u l-impatt kombinat ta' bidliet multipli jkunu maqbużin.

Linja Gwida 8 – Il-politika dwar bidla għall-mudell intern fil-livell ta' grupp (skont l-Artikolu 231 ta' Solvenza II)

- 1.34. Matul il-proċess ta' applikazzjoni, fil-każ ta' mudell intern fil-livell ta' grupp, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiżviluppa politika dwar bidla għal mudell wieħed.
- 1.35. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-politika dwar il-bidla għall-mudell tinkludi speċifikazzjoni ta' bidliet maġġuri u minuri fir-rigward tal-grupp, kif ukoll ta' kull impriża relatata li tuża l-mudell intern fil-livell ta' grupp biex tikkalkula r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza individwali tagħha.
- 1.36. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li kwalunkwe bidla li hija maġġuri f'impriża individwali tiġi kklassifikata bħala bidla maġġuri fil-politika.

Kapitolu 3: It-test tal-użu

Linja Gwida 9 – Il-valutazzjoni tal-konformità

- 1.37. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija ppreparata biex tkun konformi mat-test tal-użu kif stabbilit fl-Artikolu 120 ta' Solvenza II, u b'mod partikolari b'rabta' ma', mill-inqas:
- (a) l-użi differenti tal-mudell;
 - (b) kif il-mudell jaqbel man-negozju;
 - (c) kif jinftiehem il-mudell;
 - (d) kif il-mudell jappoġġja t-teħid tad-deċiżjonijiet; u
 - (e) kif il-mudell jintegra mas-sistema tal-ġestjoni tar-riskju.
- 1.38. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw din l-opinjoni wara li jqisu li l-ebda lista kompleta u dettaljata tal-użi speċifiċi ma għandha tkun preskritta lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Linja Gwida 10 – L-inċentiv biex tittejjeb il-kwalità tal-mudell intern

- 1.39. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-mudell intern jintuża fis-sistema tagħha għall-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod li joħloq inċentivi biex tittejjeb il-kwalità tal-mudell intern innifsu.

Linja Gwida 11 – Il-qbil man-negozju

- 1.40. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta qed jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-livell tad-detall li għalih il-mudell intern jaqbel man-negozju jkun xieraq, iqisu tal-inqas dawn il-fatturi:
- (a) jekk l-użi tal-mudell intern mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikoprix deċiżjonijiet dwar in-negozju, inkluż deċiżjonijiet strateġiċi u kwalunkwe deċiżjoni rilevanti oħra;
 - (b) is-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u kemm hija granulari;
 - (c) il-granularità meħtieġa għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;
 - (d) l-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni; u

- (e) ir-rekord intern mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatat mad-disinn tal-effett mill-mudell intern.

Linja Gwida 12 – Il-fehim tal-mudell intern

- 1.41. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura fehim tal-mudell intern mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u l-utenti rilevanti tal-mudell intern għat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- 1.42. Bil-għan li jiffurmaw opinjoni dwar il-fehim tagħhom tal-mudell intern l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu li jużaw intervisti ma' persuni mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u persuni li effettivament imexxu l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.
- 1.43. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ukoll iqisu li jagħmlu reviżjoni tal-minuti tal-laqqgħat tal-bord jew tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet xierqa biex jiffurmaw opinjoni dwar kemm l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija lesta biex tkun konformi mar-rekwiżiti tat-test tal-użu.

Linja Gwida 13 – L-appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet

- 1.44. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura u hija kapaċi turi li l-mudell intern jintuża fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Linja Gwida 14 – L-appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet

- 1.45. Permezz tal-proċess ta' preapplikazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-imsieħba interni tal-impriża, b'mod partikolari l-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorju tagħha, jirċievu riżultati regolari tal-mudell intern li jirrelataw mad-deċiżjonijiet rilevanti tan-negozju.

Linja Gwida 15 – L-appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet

- 1.46. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-mudell intern huwa bħala minimu kapaċi li jkejje l-kapital ekonomiku li jidentifika l-impatt fuq il-profil tar-riskju ta' deċiżjonijiet potenzjali li għalihom jintuża l-mudell.
- 1.47. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tifhimx ukoll l-effett li dawn id-deċiżjonijiet ikollhom fuq ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza .

Linja Gwida 16 – Il-frekwenzi tal-kalkoli

- 1.48. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiżviluppa proċess biex

tagħmel monitoraġġ tal-profil tar-riskju tagħha u dwar kif bidla sinifikanti tal-profil tar-riskju twassal għal rikalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza.

Linja Gwida 17 – L-ispeċifitàjiet tal-grupp

- 1.49. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni, f'każ ta' mudell intern fil-livell ta' grupp, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża li qed tipparteċipa u l-impriżi relatati li se jużaw il-mudell intern fil-livell ta' grupp biex jikkalkulaw ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jikkoperaw biex jassiguraw li d-disinn tal-mudell intern huwa allinjat man-negozju tagħhom.
- 1.50. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar l-evidenza mogħtija mill-impriża li qed tipparteċipa u impriżi relatati li, għall-inqas:
- (a) ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tagħhom ikun ikkalkulat bil-frekwenza rekwiżita mill-Artikolu 102 ta' Solvenza II u meta huwa meħtieġ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
 - (b) huma jistgħu jipproponu bidliet għall-mudell intern fil-livell ta' grupp, speċjalment għall-komponenti li huma materjali għalihom jew wara bidla fil-profil tar-riskju tagħhom u filwaqt li jitqies l-ambjent fejn tkun qed topera l-impriża; u
 - (c) l-impriżi relatati jippossjedu l-fehim adegwat tal-mudell intern li jkopri r-riskji ta' dik l-impriża.
- 1.51. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li se jużaw il-mudell intern fil-livell ta' grupp biex jikkalkulaw ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tagħhom, jassiguraw li d-disinn tal-mudell intern huwa allinjat man-negozju tagħhom u s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, inkluż il-produzzjoni ta' effetti, fuq livell ta' grupp u f'livell ta' impriżi relatati li huma granulari biżżejjed biex jippermettu lill-mudell intern fuq livell ta' grupp ikollu rwol suffiċjenti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Kapitolu 4: L-istabbiliment tas-suppożizzjoni u l-ġudizzju espert

Linja Gwida 18 – L-istabbiliment tas-suppożizzjoni

- 1.52. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi suppożizzjonijiet u tuża ġudizzju espert b'mod partikolari, u tqis il-materjalità tal-impatt tal-użu tas-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-Linji Gwida dwar l-ambjent tas-suppożizzjoni u l-ġudizzju espert.
- 1.53. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tivvaluta l-materjalità u tqis kemm l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi u tqis kundizzjonijiet ta' telf estrem.

1.54. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tevalwa b'mod ġenerali l-indikaturi kkunsidrati.

Linja Gwida 19 – Il-Governanza

1.55. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li kull stabbiliment ta' suppożizzjoni, u l-użu ta' ġudizzju espert b'mod partikolari, isegwi proċess validat u dokumentat.

1.56. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li s-suppożizzjonijiet huma derivati u użati b'mod konsistenti matul iż-żmien u matul l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u li jaqblu għall-użu intenzjonat tagħhom.

1.57. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tibgħat is-suppożizzjonijiet fil-livelli ta' anzjanità skont il-materjalità tagħhom, għall-biċċa l-kbira tas-suppożizzjonijiet materjali sa u inkluż il-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superizorji.

Linja Gwida 20 – Il-komunikazzjoni u l-inċertezza

1.58. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-proċessi madwar is-suppożizzjonijiet, u b'mod partikolari madwar l-użu tal-ġudizzju espert fl-għażla ta' dawk is-suppożizzjonijiet, speċifikament jippruvaw itaffu r-riskju tan-nuqqas ta' fehim jew ta' komunikazzjoni bejn ir-rwoli differenti kollha relatati ma' dawn is-suppożizzjonijiet.

1.59. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi proċess ta' reazzjonijiet formali u dokumentati bejn il-fornituri u l-utenti tal-ġudizzju espert materjali u tas-suppożizzjonijiet li jirriżultaw.

1.60. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħmel trasparenti l-inċertezza tas-suppożizzjonijiet kif ukoll tal-varjazzjoni assoċjata fir-riżultati finali.

Linja Gwida 21 – Id-dokumentazzjoni

1.61. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddokumenta l-proċess tal-istabbiliment tas-suppożizzjoni, u b'mod partikolari l-użu tal-ġudizzju espert, b'tali manjiera li l-proċess ikun trasparenti.

- 1.62. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinkludi fid-dokumentazzjoni s-suppożizzjonijiet li jirriżultaw u l-materjalità tagħhom, l-esperti involuti, l-użu intenzjonat u l-perjodu ta' validità.
- 1.63. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinkludi r-razzjonal għall-opinjoni, inkluż il-bażi għall-informazzjoni użata, bil-livell tad-dettall meħtieġ biex tagħmel trasparenti kemm is-suppożizzjonijiet kif ukoll il-proċess u l-kriterja għat-teħid tad-deċiżjonijiet użati għall-għażla tas-suppożizzjonijiet u l-iskartar ta' alternattivi oħra.
- 1.64. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-utenti ta' suppożizzjonijiet materjali jirċievu informazzjoni ċara u komprensiva bil-miktub dwar dawn is-suppożizzjonijiet.

Linja Gwida 22 – Il-validazzjoni

- 1.65. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-proċess għall-għażla tas-suppożizzjonijiet u l-użu tal-ġudizzju espert qed ikun validat.
- 1.66. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-proċess u l-għodod għall-validazzjoni tas-suppożizzjonijiet u b'mod partikolari l-użu tal-ġudizzju espert qed ikunu dokumentati.
- 1.67. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ssegwi l-bidliet ta' suppożizzjonijiet materjali b'rispons għal informazzjoni u analiżi ġdida kif ukoll devjazzjonijiet ta' realizzazzjonijiet minn suppożizzjonijiet materjali.
- 1.68. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fejn huwa possibli u xieraq, juża għodod ta' validazzjoni oħra bħal test għall-istress jew test għas-sensittività.
- 1.69. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jirrevedu s-suppożizzjonijiet magħżula, billi jistrieħu fuq fehmiet esperti indipendenti interni jew esterni.
- 1.70. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tidentifika l-okkorrenza taċ-ċirkustanzi li taħthom is-suppożizzjonijiet jitqiesu bħala foloz.

Kapitolu 5: Il-konsistenza metodoloġika

Linja Gwida 23 – Il-punti ta' ċċekkjar konsistenti

- 1.71. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura konsistenza bejn il-metodi użati biex jikkalkulaw il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-metodi użati għall-ivvalutar tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għal għanijiet ta' Solvenza.
- 1.72. B'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiċċekkja l-konsistenza fil-passi li ġejjin tal-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, f'każ li huma rilevanti għall-parti tal-mudell taħt kunsiderazzjoni:
- (a) il-konsistenza tat-tranżizzjoni mill-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza għall-mudell intern għall-għan tal-kalkolu tar-Rekwiżit tal-Kapital tas-Solvenza ;
 - (b) il-konsistenza tal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-mudell intern fid-data tal-valutazzjoni mal-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza;
 - (c) il-konsistenza tal-proġetazzjoni tal-fatturi ta' riskju u l-impatt tagħhom fuq il-valuri monetarji mbassra mas-suppożizzjonijiet dwar dawk il-fatturi ta' riskju użati għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza; u
 - (d) il-konsistenza tar-rivalutazzjoni tal-assi u l-obbligi fi tmiem il-perjodu bil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza.

Linja Gwida 24 – L-aspetti tal-konsistenza

- 1.73. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta qed tivvaluta l-konsistenza, tqis għall-inqas l-aspetti li ġejjin:
- (a) il-konsistenza tal-metodi ta' kalkolu applikati fil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza, u fil-kalkolu tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà;
 - (b) il-konsistenza tad-data u l-parametri li jintużaw bħala data mdaħħla għall-kalkoli rispettivi; u
 - (c) il-konsistenza tas-suppożizzjonijiet li huma fundamentali għall-kalkoli rispettivi, b'mod partikolari suppożizzjonijiet fuq opzjonijiet kuntrattwali u garanziji finanzjarji, dwar azzjonijiet futuri ta' tmexxija u dwar benefiċċji diskrezzjonarji futuri mistennija.

Linja Gwida 25 – Il-valutazzjoni tal-konsistenza

- 1.74. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tmexxi valutazzjonijiet regolari tal-konsistenza bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-mudell intern tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 124 tas-Solvenza II.
- 1.75. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tmexxi l-valutazzjoni tal-konsistenza fuq bażi kwantitattiva meta possibbli u proporzjonat.
- 1.76. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fil-valutazzjoni tal-konsistenza tagħha:
- (a) tidentifika u tiddokumenta kwalunkwe devjazzjoni bejn il-kalkolu tat-tbassir tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza;
 - (b) tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet, kemm f'iżolament kif ukoll f'kombinazzjoni; u
 - (c) tiġġustifika li d-devjazzjonijiet ma jirriżultawx f'inkonsistenza bejn il-kalkolu tat-tbassir tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u l-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi fil-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza.

Kapitolu 6: Il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

Linja Gwida 26 – L-għarfien tal-profil tar-riskju

- 1.77. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassicura li s-sett tal-avvenimenti tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li huma fundamentali għall-mudell intern hija eżawrjenti.
- 1.78. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-proċessi li huma stabbiliti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex jinżamm għarfien suffiċjenti u attwali tal-profil tar-riskju tagħha.
- 1.79. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni timmira li żżomm l-għarfien tal-ixprunaturi tar-riskju u fatturi oħra li jispegaw l-imġiba tal-varjabbli li huma fundamentali għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, biex il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tista' tirrifletti l-karatteristiċi rilevanti kollha tal-profil tar-riskju tagħha.

Linja Gwida 27 – Ir-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.80. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-

riassigurazzjoni tivvaluta kemm huma xierqa t-tekniki attwarji u statistiċi użati biex tikkalkula l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, u kif hija tikkunsidra l-kapaċità tat-tekniki biex tipproċessa l-għarfien tal-profil tar-riskju bħala kriterju importanti.

- 1.81. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħżel tekniki li jiġġeneraw previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li hija rikka biżżejjed biex taqbad il-karatteristiċi rilevanti kollha tal-profil tar-riskju tagħha u biex tappoġġja t-teħid tad-deċiżjonijiet.
- 1.82. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ukoll jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bħala parti mill-valutazzjoni metodoloġika tagħha tikkunsidra l-kredibbiltà ta' quantiles avversi stmati bbażati fuq il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà.
- 1.83. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ukoll jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-isforz li tkun ġenerata previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà rikka ma ttellifx mill-kredibbiltà tal-istima tal-quantiles avversi.

Linja Gwida 28 – Il-valutazzjoni tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.84. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni, biex jiffurmaw opinjoni skont il-Linja Gwida 28, u bil-għan li tassigura approċċ armonizzat għall-preapplikazzjoni u l-bidliet għall-mudell, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu mill-inqas:
 - (a) il-profil tar-riskju tal-impriża u sa liema punt huwa rifless mit-tbassir tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà;
 - (b) il-progress attwali fix-xjenza attwarja u l-prattika tas-suq aċċettata b'mod ġenerali;
 - (c) fir-rigward tal-livell tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà, kwalunkwe miżuri li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabilixxi biex tassigura l-konformità mat-test tal-mudell intern u ma' kull standard stabbilit fl-Artikoli 120 sa 126 tas-Solvenza II;
 - (d) għal riskju partikolari taħt konsiderazzjoni, il-mod li bih it-tekniki magħżula u l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jinteraġixxu ma' riskji oħra fl-iskop tal-mudell intern fir-rigward tal-livell tar-rikkezza tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà; u
 - (e) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskju taħt konsiderazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 29(3) ta' Solvenza II.

Linja Gwida 29 – L-arrikkiment tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà

- 1.85. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiegħu ħsieb biex ma tintroduċix fil-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà rikkezza bla bażi li ma tirriflettix l-għarfien oriġinali tal-profil tar-riskju tagħha [cf. Linja Gwida 26].
- 1.86. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif il-metodoloġija segwita mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni biex tarrikkixxi l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà hija konformi mal-Istandards tal-Kwalità Statistika li jirrigwardjaw metodi, suppożizzjonijiet u data. Fejn dawn it-tekniki jinvolvi l-użu ta' ġudizzju espert għandhom japplikaw il-Linji Gwida rilevanti dwar l-istabbiliment tas-suppożizzjonijiet.

Kapitolu 7: Il-kalibrazzjoni – l-approssimazzjonijiet

Linja Gwida 30 – L-għarfien tal-approssimazzjonijiet

- 1.87. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni turi fehim dettaljat tal-approssimazzjonijiet permessi mill-Artikolu 122(3) ta' Solvenza II li tagħmel.
- 1.88. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża għall-inqas:
- (a) tikkunsidra l-iżball li jkun introdott mill-approssimazzjonijiet fir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza;
 - (b) turi li l-approssimazzjonijiet li tagħmel ma jirriżultawx f'Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza li jkun materjalment stmat inqas mill-valur proprju meta mqabbel mar-riżultat tal-kalkolu mal-miżura tar-referenza tar-riskju, biex tassigura li detenturi tal-poloż huma pprovduti b'livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak provdut fl-Artikolu 101(3) tas-Solvenza II; u
 - (c) tisfida u tiġġustifika l-istabbiltà tal-effett tal-approssimazzjonijiet fuq iż-żmien, u taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem, skont il-profil tar-riskju tagħha.
- 1.89. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmluha ċara lill-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li l-inċertezza materjali madwar approssimazzjonijiet biex jiġi rrikalibrat ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza mhijiex permessa, jekk din l-inċertezza twassal għal stima inqas mill-valur proprju tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza.

Linja Gwida 31 – Il-miżura tar-referenza tar-riskju bħala riżultat intermedju

- 1.90. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' tislet l-miżura tar-referenza tar-riskju bħala riżultat intermedju tal-proċess tal-kalkolu tal-kapital

ekonomiku, matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tkun kapaċi turi li dan ir-riżultat jirrifletti wkoll b'mod xieraq il-profil tar-riskju tagħha.

Linja Gwida 32 – L-użu ta' varjabbli sottostanti ieħor

- 1.91. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jekk tuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza l-varjazzjoni ta' varjabbli sottostanti differenti mill-fondi bażiċi tagħha stess, turi:
- (a) jew li d-differenza bejn il-fondi bażiċi tagħha stess u l-varjabbli sottostanti ma tkunx materjali sa $t=0$ u fi kwalunkwe sitwazzjoni prevedibbli sa u inkluż $t=1$; jew
 - (b) f'każ li din id-differenza tkun materjali, li ma jistax ikun hemm varjazzjoni sinifikanti fiha matul il-perjodu li jmiss, speċjalment, taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem, skont il-profil tar-riskju tal-impriża.
- 1.92. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jekk tuża l-varjazzjoni tal-varjabbli sottostanti differenti mill-fondi bażiċi tagħha stess biex tisset l-valur tal-fondi bażiċi tagħha stess, turi li:
- (a) tkun kapaċi li tirrikonċilja d-differenza bejn il-fondi bażiċi tagħha stess u l-varjabbli sottostanti sa $t=0$; u
 - (b) tifhem id-differenza bejn il-fondi bażiċi tagħha stess u l-varjabbli sottostanti fi kwalunkwe sitwazzjoni sa u inkluż $t=1$.
- 1.93. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif il-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza li tkun immexxija mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tgħin lil din l-impriża biex tiddetermina l-ammont tal-fondi eliġibbli tagħha stess disponibbli biex tkopri r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, irrespettivament mill-metodu tal-kalkolu użat biex tikkalkula dan ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza.

Linja Gwida 33 – L-użu ta' formuli analitiċi magħluqa

- 1.94. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fejn tagħmel użu ta' formuli analitiċi magħluqa biex tirrikalibra ir-rekwiżit ta' kapital mill-miżura interna tar-riskju għal dik tar-referenza, turi li s-suppożizzjonijiet fundamentali għall-formuli huma realistiki u huma wkoll validi taħt kundizzjonijiet ta' telf estrem, skont il-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Linja Gwida 34 – L-azzjonijiet tat-tmexxija

- 1.95. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-

riassigurazzjoni, fejn tagħżel fil-mudell intern tagħha perjodu taż-żmien itwal minn sena, tqis l-azzjonijiet tat-tmexxija fil-kuntest tal-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza, u tassigura li dawn l-azzjonijiet tat-tmexxija huma mmudellati b'mod realistik u raġonevoli u jkollhom effett fuq il-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza ta' bejn $t=0$ u $t=1$.

1.96. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-prinċipji ġenerali dwar il-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi tibqa' sa $t=1$ meta tikkunsidra l-effetti tal-azzjonijiet ta' ġestjoni fuq il-karta tal-bilanċ għall-għanijiet ta' solvenza għall-finijiet ta' din il-Linja Gwida.

Linja Gwida 35 – L-approssimazzjonijiet multipli

1.97. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, fejn ikollha tagħmel numru ta' approssimazzjonijiet, tivvaluta jekk ikunx hemm kwalunkwe interazzjoni bejn dawn l-approssimazzjonijiet li jinħtieġu jkunu permessi b'mod espliċitu.

Kapitolu 8: L-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf

Linja Gwida 36 – Id-definizzjoni ta' profitt u telf

1.98. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra l-profitt u t-telf bħala bidliet fuq il-perjodu rilevanti, fil-:

- (a) fondi bażiċi tagħha stess; jew
- (b) ammonti oħra monetarji użati fil-mudell intern biex tiddetermina bidliet fil-fondi bażiċi tagħha stess, bħall-bidla attwali fir-riżorsi ta' kapital ekonomiċi.

1.99. Għal dan il-għan, l-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf għandha teskludi l-movimenti attribwibbli għall-ġbir ta' fondi proprji addizzjonali, il-ħlas lura jew it-tifdija ta' dawk il-fondi u d-distribuzzjoni tal-fondi proprji.

1.100. Meta impriża tuża varjabbli ieħor minbarra l-fondi tagħha stess fil-mudell intern tagħha, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża dan il-varjabbli għall-għanijiet tal-attribuzzjoni tal-profitt u t-telf.

1.101. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif, permezz ta' attribuzzjoni ta' profitt u telf, l-impriża tidentifika kif bidliet fl-ixprunaturi tar-riskji huma relatati mal-moviment fil-varjabbli fundamentali għall-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà.

Linja Gwida 37 – L-applikazzjoni tal-attribuzzjoni ta' profitt u telf

1.102. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-attribuzzjoni ta' profitt u telf hija konsistenti mal-applikazzjonijiet intenzjonati tal-attribuzzjoni ta' profitt u telf fit-test tal-użu u fil-proċess ta' validazzjoni.

Linja Gwida 38 – L-applikazzjoni tal-attribuzzjoni ta' profitt u telf u l-validazzjoni

1.103. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li informazzjoni relatata ma' kif il-mudell irrenda fil-passat ipprovduta mid-dħul tal-attribuzzjoni ta' profitt u telf fiċ-ċiklu tal-validazzjoni regolari tal-impriża.

Kapitolu 9: Il-validazzjoni

Linja Gwida 39 – Il-politika dwar il-validazzjoni u r-rapport dwar il-validazzjoni

1.104. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-politika dwar il-validazzjoni li tistabbilixxi tressaq għall-inqas:

- (a) il-proċessi, il-metodi u l-għodod użati biex tivvalida l-mudell intern u l-għanijiet tiegħu;
- (b) il-frekwenza ta' validazzjoni regolari għal kull parti tal-mudell intern u ċ-ċirkustanzi li jagħtu bidu għall-validazzjoni addizzjonali;
- (c) il-persuni li huma responsabbli minn kull kompitu ta' validazzjoni; u
- (d) il-proċedura li għandha tkun segwita fil-każ li l-proċess tal-validazzjoni tal-mudell jidentifika problemi bil-kredibbiltà tal-mudell intern u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni biex jindirizza dak it-tħassib.

1.105. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddokumenta f'rapport ta' validazzjoni r-riżultati tal-validazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet li jirriżultaw u l-konsegwenzi mill-analiżi tal-validazzjoni.

1.106. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinkludi f'dan ir-rapport referenza għas-settijiet tad-data tal-validazzjoni kif imsemmija fil-Linja Gwida 50 kif ukoll fl-approvazzjoni mill-parteċipanti ewlenin fil-proċess.

Linja Gwida 40 – L-iskop u l-għan tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.107. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tispeċifika l-għan u l-iskop tal-validazzjoni, tistabbilixxi b'mod ċar l-għan speċifiku tal-validazzjoni għal kull parti tal-mudell intern.
- 1.108. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkopri l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-mudell intern fl-iskop tal-validazzjoni.
- 1.109. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tikkunsidra l-iskop tal-validazzjoni, minbarra li tikkunsidra l-validazzjoni tal-partijiet varji tal-mudell intern, tikkunsidra l-validazzjoni fit-totalità tagħha u b'mod partikolari kemm hija xierqa l-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà biex tassigura li l-livell tal-kapital regolatorju ma jkunx materjalment iddikjarat b'mod żbaljat.

Linja Gwida 41 – Il-materjalità

- 1.110. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra l-materjalità tal-parti tal-mudell intern li qed ikun validat, mhux biss f'iżolament iżda wkoll f'kombinazzjoni, meta tuża l-materjalità biex tiddeċiedi dwar l-intensità tal-attivitajiet tal-validazzjoni.
- 1.111. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tivvalidax partijiet individwali speċifiċi tal-mudell intern b'livell għoli ta' korrettezza minħabba n-nuqqas tal-materjalità tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni xorta waħda tqis li dawk il-partijiet f'kombinazzjoni jistgħu jkunu materjali meta hija tiddeċiedi kif għandhom ikunu validati b'mod xieraq.
- 1.112. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra ttestjar għas-sensittività meta qed tiddetermina l-materjalità fil-kuntest tal-validazzjoni.

Linja Gwida 42 – Il-kwalità tal-proċess tal-validazzjoni

- 1.113. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi l-limiti kollha magħrufa tal-proċess tal-validazzjoni attwali.
- 1.114. Fejn hemm limiti għall-validazzjoni ta' partijiet li huma koperti mill-proċess ta' validazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija konxja minnhom u tiddokumenta dawn il-limiti.
- 1.115. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-valutazzjoni tal-

proċess ta' validazzjoni jiddikjara b'mod espliċitu ċ-ċirkustanzi li taħthom il-validazzjoni mhijiex effettiva.

Linja Gwida 43 – It-tmexxija tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.116. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar it-tmexxija li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi madwar il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-validazzjoni li tagħmel.
- 1.117. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiffurma u tikkomunika internament opinjoni ġenerali bbażata fuq is-sejbiet tal-proċess ta' validazzjoni.
- 1.118. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi kriterji predefiniti biex tiddetermina jekk ir-riżultati, jew parti tar-riżultati, tal-validazzjoni, humiex meħtieġa li jkunu eskalati f'din l-impriża.
- 1.119. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tispeċifika taħt liema kundizzjonijiet ir-riżultati tal-proċess ta' validazzjoni għandhom ikunu eskalati; u kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddefinixxi b'mod ċar u tistabbilixxi l-passaġġ tal-eskalazzjoni b'mod li żżomm l-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni.
- 1.120. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi kif ir-riżultati tal-ġhodod ta' validazzjoni differenti huma rappurtati, kemm għall-validazzjoni regolari kif ukoll għall-validazzjoni addizzjonali li jinbdew minn ċirkostanzi speċifiċi, u kif jintużaw jekk it-testijiet juru li l-mudell intern ma jirrendix kif intenzjonat.

Linja Gwida 44 – Ir-rwoli fil-proċess ta' validazzjoni

- 1.121. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jekk partijiet minbarra l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju jikkontribwixxu għall-kompiti speċifiċi fil-proċess ta' validazzjoni, tassigura li l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju taqdi r-responsabbiltà ġenerali tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 44 tas-Solvenza II, inkluż ir-responsabbiltà li tassigura l-kompletar tal-kompiti varji fil-proċess ta' validazzjoni.
- 1.122. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tispjega b'mod formali r-rwoli ta' kull parti tal-proċess ta' validazzjoni definit.
- 1.123. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk l-allokazzjoni tal-kompiti għall-proċess ta' validazzjoni sħiħ hijiex koperta mill-impriża fil-politika dwar il-validazzjoni li tistabbilixxi.

Linja Gwida 45 – L-independenza tal-proċess ta' validazzjoni

- 1.124. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, biex tipprovdi sfida oġġettiva għall-mudell intern, tassigura li l-proċess ta' validazzjoni jsir b'mod indipendenti mill-iżvilupp u l-operazzjoni tal-mudell u li l-kompiti stabbiliti fil-politika dwar il-validazzjoni li tistabbilixxi johlq u jżomm l-independenza tal-proċess ta' validazzjoni.
- 1.125. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tiddeċiedi l-partijiet li jikkontribwixxu għall-kompiti relatati mal-proċess ta' validazzjoni, tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li din l-impriża tiffaċċja, il-funzjoni u l-ħiliet tan-nies li għandhom ikunu involuti, l-organizzazzjoni interna tal-impriża u s-sistema ta' tmexxija tagħha.

Linja Gwida 46 – L-ispeċifiċitajiet għall-mudell intern fil-livell ta' grupp

- 1.126. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra l-validazzjoni tal-mudell intern fil-kuntest tal-kalkolu kemm tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tal-grupp konsolidat kif ukoll tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' impriżi relatati li jkun ikkalkulat mal-mudell intern fil-livell ta' grupp; u dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi b'mod espliċitu din il-kunsiderazzjoni fil-politika dwar il-validazzjoni li tistabbilixxi għall-mudell intern fil-livell ta' grupp.
- 1.127. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża li qed tipparteċipa u l-impriżi relatati li għalihom ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza jkun ikkalkulat mal-mudell intern, jistabbilixxu politika dwar il-validazzjoni waħda biex ikopru l-proċess ta' validazzjoni kemm fil-livell ta' grupp kif ukoll individwali.

Linja Gwida 47 – L-univers ta' għodod

- 1.128. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-għodod tal-validazzjoni kwalitattivi jew kwantitattivi li tuża jkunu xierqa u kredibbli biex jivvalutaw il-mudell intern għall-użu intern tal-mudell intern kif ukoll għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza .
- 1.129. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tifhem l-għodod tal-validazzjoni li tuża u tagħraf li għodod differenti għandhom karatteristiċi u limitazzjonijiet differenti.
- 1.130. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra liema għodod

tal-validazzjoni jew kombinazzjoni tagħhom huma l-iktar xierqa biex jilħqu l-għanijiet u l-iskop tal-validazzjoni, kif stabbilit fil-politika dwar il-validazzjoni li tistabbilixxi.

1.131. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi proċess biex tagħżel is-sett xieraq ta' għodod ta' validazzjoni biex tassigura proċess ta' validazzjoni robust. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddokumenta dan il-proċess u jekk tikkunsidrax għall-inqas il-karatteristiċi li ġejjin meta tagħżel għodod tal-validazzjoni:

- (a) il-livell tal-kumplessità: għodod tal-validazzjoni f' medda li tvarja minn tekniki simplifikati għal metodi sofistikati;
- (b) in-natura: għodod tal-validazzjoni li huma kwalitattivi, kwantitattivi jew kombinazzjoni tat-tnejn;
- (c) l-għarfien meħtieġ: il-medda ta' għarfien meħtieġ mill-persuni li jwettqu l-validazzjoni;
- (d) l-independenza: il-livell ta' indipendenza meħtieġ mill-persuna li twettaq il-validazzjoni;
- (e) l-informazzjoni meħtieġa: restrizzjonijiet potenzjali għall-ammont jew it-tip ta' informazzjoni disponibbli għall-validazzjoni esterna kontra l-valutazzjoni interna; u
- (f) iċ-ċiklu tal-validazzjoni: l-għodod tal-validazzjoni rilevanti biex ikopru kull suppożizzjoni ewlenija li tkun saret fi stadji differenti tal-mudell intern mill-iżvilupp, għall-implimentazzjoni u sal-operat.

Linja Gwida 48 – It-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarju

1.132. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża testijiet tal-istress u analiżi tax-xenarju bħala parti mill-validazzjoni tal-mudell intern.

1.133. B'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li t-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarju li tuża jkopru r-riskji rilevanti u huma monitorjati matul iż-żmien.

Linja Gwida 49 – L-applikazzjoni tal-għodod

1.134. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija kapaċi tispjega liema partijiet tal-mudell intern qed ikunu validati minn kull għodda ta'

validazzjoni użata u għalfejn dawn l-għodod ta' validazzjoni huma xierqa għall-għan partikolari billi tiddekrivi għall-inqas:

- (a) il-materjalità tal-parti tal-mudell li qed tkun validata;
- (b) il-livell li fih l-għodda se tkun applikata minn riskji individwali, blokki ta' mudellar, portfolji, unità tan-negozju sa riżultati magħduda flimkien;
- (c) l-għan ta' dan il-kompitu ta' validazzjoni; u
- (d) ir-riżultat mistenni mill-validazzjoni.

Linja Gwida 50 – Is-settijiet tad-data tal-validazzjoni

1.135. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li d-data magħżula u l-ġudizzju espert użat fil-proċess ta' validazzjoni jippermettu b'mod effettiv li jivvalidaw il-mudell intern f'firxa wiesgħa ta' ċirkustanzi li seħħew fil-passat jew li jistgħu potenzjalment iseħħu fil-futur.

Kapitolu 10: Id-dokumentazzjoni

Linja Gwida 51 – Il-proċeduri ta' kontroll

1.136. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li d-dokumentazzjoni tal-mudell intern hija miżmuma aġġornata u riveduta regolarment.

1.137. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi mill-inqas:

- (a) proċedura ta' kontroll effettiv għad-dokumentazzjoni dwar il-mudell intern;
- (b) proċeduri ta' kontroll ta' verżjoni għad-dokumentazzjoni dwar il-mudell intern;
- (c) sistema ċara ta' referenzer għad-dokumentazzjoni dwar il-mudell intern li għandha tintuża f'inventarju tad-dokumentazzjoni.

Linja Gwida 52 – Id-dokumentazzjoni ta' metodoloġiji

1.138. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-imprezza tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tipproduċi

dokumentazzjoni li hija dettaljata biżżejjed biex turi evidenza ta' fehim dettaljat tal-metodoloġiji u t-tekniki użati fil-mudell intern, inkluż mil-inqas:

- (a) is-suppożizzjonijiet fundamentali;
- (b) l-applikabbiltà ta' dawn is-suppożizzjonijiet meta jitqies il-profil tar-riskju tal-impriża; u
- (c) kwalunkwe nuqqasijiet tal-metodoloġija jew tat-teknika.

1.139. Din għandha tapplika wkoll f'każ li metodoloġija jew kwalunkwe teknika oħra użata mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-mudell intern hija dokumentata minn parti esterna.

1.140. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tiddokumenta t-teorija, is-suppożizzjonijiet u l-bażi matematika u empirika fundamentali għal kwalunkwe metodoloġija użata fil-mudell intern, skont l-Artikolu 125(3) tas-Solvenza II, tinkludi, jekk disponibbli, il-passi materjali tal-iżvilupp tal-metodoloġija, kif ukoll kwalunkwe metodoloġiji oħra li huma kkunsidrati imma sussegwentament mhux użati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Linja Gwida 53 – Iċ-ċirkustanzi li fihom il-mudell intern ma jaħdimx b'mod effettiv

1.141. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinkludi fid-dokumentazzjoni tagħha sommarju ġenerali tan-nuqqasijiet materjali tal-mudell intern, konsolidat f'dokument wieħed, li jkun jinkludi mill-inqas dawn l-aspetti li ġejjin:

- (a) ir-riskji li mhux koperti mill-mudell intern;
- (b) il-limitazzjonijiet fl-immudellar tar-riskju użat fil-mudell intern;
- (c) in-natura, il-grad u s-sors tal-inċertezza marbut mar-riżultati tal-mudell intern inkluż is-sensittività tar-riżultati għas-suppożizzjonijiet ewlenin fundamentali għall-mudell intern;
- (d) in-nuqqasijiet fid-data użata fil-mudell intern u n-nuqqas ta' data għall-kalkolu tal-mudell intern;
- (e) ir-riskji li jqumu mill-użu tal-mudelli esterni u ta' data esterna fil-mudell intern;
- (f) il-limiti tal-informazzjoni teknoloġika użata fil-mudell intern;
- (g) l-limiti tat-tmexxija tal-mudell intern, u

- (h) il-ħidma li saret biex jiġu identifikati dawn in-nuqqasijiet u kwalunkwe pjan għal titjib tal-mudell.

Linja Gwida 54 – Id-destinatarji xierqa

1.142. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra li jkollha d-dokumentazzjoni tal-mudell intern li tikkonsisti f'iktar minn livell wieħed ta' dokumentazzjoni għall-mudell intern, proporzjonata mal-użi u l-udjenzi fil-mira differenti.

Linja Gwida 55 – Il-manwal għall-utent jew id-deskrizzjonijiet tal-proċess

1.143. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif, bħala parti mid-dokumentazzjoni tagħha għall-mudell intern, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabbilixxi manwali għall-utent jew deskrizzjonijiet tal-proċess għall-operat tal-mudell intern li għandu jkun dettaljat biżżejjed biex jippermetti parti terza indipendenti u li għandha l-għarfien biex topera u tmexxi l-mudell intern.

Linja Gwida 56 – Id-dokumentazzjoni tal-effett tal-mudell

1.144. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern fil-livell ta' grupp l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddokumenta u żżomm, mhux neċessarjament f'dokument wieħed, l-effetti tal-mudell li huma rilevanti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 120 tas-Solvenza II.

Linja Gwida 57 – Is-softwer u l-pjattaformi ta' mmudellar

1.145. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża, fid-dokumentazzjoni tagħha, tipprovdi informazzjoni dwar is-softwer, il-pjattaformi ta' mmudellar u sistemi ta' ħardwer użati fil-mudell intern.

1.146. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża, fejn tuża softwer, pjattaformi ta' mmudellar u sistemi ta' ħardwer, tipprovdi fid-dokumentazzjoni biżżejjed informazzjoni biex tkun kapaċi tivvaluta u tiġġustifika l-użi tagħhom, u tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali biex jivvalutaw kemm huma xierqa.

Kapitolu 11: Il-mudelli u d-data esterna

Linja Gwida 58 – Id-data esterna

1.147. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta tqis in-natura tad-data esterna, turi livell xieraq ta' fehim

tal-ispeċifitàjiet tad-data esterna użata fil-mudell intern inkluż kwalunkwe trasformazzjoni ta' materjal, riskalar u kwalunkwe proċessar ieħor inerenti fid-data esterna.

1.148. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għall-inqas:

- (a) tifhem l-attributi u l-limiti jew pekuljaretajiet tad-data esterna;
- (b) tiżviluppa proċessi għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe data nieqsa u limiti oħra;
- (c) tifhem l-approssimazzjonijiet u l-ipproċessar li sar għad-data nieqsa jew mhux kredibbli; u
- (d) tiżviluppa proċessi biex twettaq kontrolli ta' konsistenza fil-ħin inkluż tqabbil ma' sorsi rilevanti oħra sal-punt li d-dejta tkun raġonevolment disponibbli.

Linja Gwida 59 – Il-fehim tal-mudell estern

1.149. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni turi li l-partijiet kollha involuti fl-użu tal-mudell estern għandhom fehim dettaljat biżżejjed tal-partijiet tal-mudell estern rilevanti għalihom inkluż suppożizzjonijiet u aspetti tekniċi u operattivi.

1.150. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħti attenzjoni partikolari għall-aspetti tal-mudell estern li huma rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha.

Linja Gwida 60 – Ir-reviżjoni tal-għażla tal-mudell u d-data esterna

1.151. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tirrevedi perjodikament il-ġustifikazzjoni tagħha għall-għażla ta' mudell estern partikolari jew sett ta' data esterna.

1.152. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tistrieħx ħafna fuq fornitur wieħed u dwar kif l-impriża tistabbilixxi pjanijiet biex ittaffi l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas ta' suċċess tal-fornitur.

1.153. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tagħti attenzjoni lil kwalunkwe aġġornamenti tal-mudell estern jew tad-data li tippermetti lill-impriża tivvaluta aħjar ir-riskji tagħha.

Linja Gwida 61 – L-integrazzjoni mal-qafas tal-mudell intern

1.154. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni turi li l-approċċ għall-inkorporazzjoni tal-mudell estern fil-qafas tal-mudell intern ikun kif xieraq; inkluż it-tekniki, id-data, il-parametri, is-suppożizzjonijiet magħżula mill-impriża, u l-effett jew l-effetti tal-mudell estern.

Linja Gwida 62 – Il-validazzjoni

1.155. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni twettaq il-validazzjoni tagħha stess tas-suppożizzjonijiet materjali tal-mudell estern li huma rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha u tal-proċess għall-inkorporazzjoni tal-mudell estern u data esterna fil-proċessi u l-mudell intern tagħha stess.

1.156. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tivvaluta kemm hija xierqa l-għażla jew in-nuqqas ta' għażla ta' fatturi jew opzjonijiet li huma disponibbli għall-mudell estern.

1.157. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif, bħala parti mill-validazzjoni tagħha stess, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkunsidra informazzjoni xierqa u b'mod partikolari l-analiżi mwettqa mill-bejjiegħ jew parti terza oħra, u, meta tagħmel dan, dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura għall-inqas li:

- (a) l-indipendenza tal-proċess ta' validazzjoni mill-iżvilupp u l-operat tal-mudell intern mhix compromessa;
- (b) hija konsistenti mal-proċess ta' validazzjoni li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tistabilixxi u li huwa mressaq b'mod ċar fil-politika dwar il-validazzjoni; u
- (c) jitqies kwalunkwe preġidizzju impliċitu jew espliċitu fl-analiżi mwettqa mill-bejjiegħ jew parti terza oħra.

Linja Gwida 63 – Id-dokumentazzjoni

1.158. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, turi li d-dokumentazzjoni tal-mudelli u d-dejta esterna jissodisfaw l-istandards tad-dokumentazzjoni.

1.159. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tipproduċi dokumentazzjoni dwar mill-inqas dawn li ġejjin:

- (a) l-aspetti tal-mudell estern u d-data esterna li huma rilevanti għall-profil tar-riskju tagħha;

- (b) l-integrazzjoni tal-mudell estern jew tad-data esterna fil-proċessi u l-mudell intern tagħha stess;
- (c) l-integrazzjoni tad-data, b'mod partikolari dħul ta' data, għall-mudell estern, jew effett tal-mudell estern, fil-proċessi u l-mudell intern tagħha stess; u
- (d) id-data esterna użata fil-mudell intern u s-sors u l-użu tagħha.

1.160. Jekk, bħala parti mid-dokumentazzjoni tagħha, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinfluwenza dokumentazzjoni prodotta mill-bejjiegħa u fornituri tas-servizz, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li l-kapaċità tagħha li tilħaq l-istandards tad-dokumentazzjoni ma tiġix kompromessa.

Linja Gwida 64 – Ir-relazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mal-bejjiegħa ta' mudelli esterni

1.161. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni żżomm ir-responsabbiltà tagħha tal-qadi tal-obbligi tagħha relatati mal-mudell intern tagħha u għar-rwol tal-mudell jew id-data esterna fil-mudell intern u kwalunkwe rekwiżiti oħra.

1.162. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jagħmluha ċara lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li kwalunkwe kuntatt bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-bejjiegħa ta' mudell estern biex jinforma r-reviżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' dan il-mudell ma għandhomx jeżentaw lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassugurazzjoni milli turi li l-mudell estern jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-mudell intern.

1.163. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar l-użu ta' mudell estern interament għal kull proċess ta' preapplikazzjoni individwali.

1.164. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmluha ċara lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li huma se jwarrbu kwalunkwe applikazzjoni għall-użu ta' mudell estern jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tonqos milli ttipprovi l-informazzjoni speċifika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni li għandha ssir mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Linja Gwida 65 – Ir-rwol tal-fornituri tas-servizz fl-użu ta' mudelli u data esterna

1.165. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża ftehim ta' esternalizzazzjoni meta tagħżel li ma toperax il-mudell estern b'mod dirett.

- 1.166. Bl-istess mod, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, permezz ta' ftehim ta' esternalizzazzjoni, taħtarx fornitur ta' servizz biex iwettaq ftehim kompetiti relatati mad-data esterna.
- 1.167. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmluha ċara lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li hija ma għandhiex tikkunsidra dawn il-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni bħala ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni milli turi l-mudell intern jissodisfa r-rekwiżiti.
- 1.168. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tassigura li kwalunkwe ftehim ta' esternalizzazzjoni li jirrigwardja l-operat tal-mudell intern jew ir-rendiment tal-kompiti relatati mad-data esterna, fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 49 tas-Solvenza II, jiddefinixxi l-obbligi tal-partijiet.
- 1.169. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, irrISPettivament mill-liema parti attwalment twettaq il-kompiti assoċjati mal-fornitur tas-servizz, iżżomm responsabbiltà ġenerali.

Kapitolu 12: Il-funzjonament tal-kulleġġi matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għall-gruppi

Linja Gwida 66 – L-iffurmar ta' opinjoni dwar l-iskop tal-mudell intern matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għall-gruppi

- 1.170. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern għall-grupp, meta qed jiffurmaw opinjoni dwar kemm ikun xieraq l-iskop tal-mudell intern, il-kontrollur, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra involuti u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra identifikati mill-kulleġġ għandhom iqisu mill-inqas:
- (a) is-sinjifikat ta' impriżi relatati fil-grupp fir-rigward tal-profil tar-riskju tal-grupp;
 - (b) il-profil tar-riskju tal-impriżi relatati fil-grupp imqabbel mal-profil tar-riskju ġenerali tal-grupp;
 - (c) jekk applikabbli, pjan tranżizzjonali mill-grupp biex jestendi l-iskop tal-mudell fi stadju iktar tard u l-qafas ta' żmien biex tagħmel dan;
 - (d) kemm hi xierqa l-formula standard jew mudell ieħor intern taħt il-preapplikazzjoni li se jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata inkluża fl-iskop tal-mudell intern; u
 - (e) kemm hi xierqa l-formula standard jew mudell ieħor intern taħt il-preapplikazzjoni li se jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata fil-grupp iżda mhux inkluża fl-iskop tal-mudell intern għall-grupp.

1.171. Meta qed tiffirma opinjoni dwar kemm hija xierqa l-esklużjoni ta' impriżi relatati fil-grupp mill-iskop tal-mudell intern, il-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra involuti, għandhom jivvalutaw jekk l-esklużjoni tal-impriża tistax twassal għal:

- (a) allokkazzjoni mhux xierqa ta' fondi tagħha stess ibbażata fuq ir-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' impriża individwali iktar milli fuq il-kontribut tagħha għall-profil tar-riskju tal-grupp;
- (b) inkonsistenzi li jdderivaw mill-użu tal-mudell intern u l-użu tal-formula standard jew ta' mudell intern differenti taħt preapplikazzjoni minn kwalunkwe impriża relatata fil-grupp biex tikkalkula r-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza tagħha;
- (c) dgħjufijiet fil-ġestjoni tar-riskju tal-grupp u tal-impriżi relatati fil-grupp li jirriżultaw mill-iskop limitat tal-mudell intern; jew
- (d) Rekwiżit ta' Kapital as-Solvenza inadegwat għall-grupp relatat mal-profil tar-riskju tal-grupp.

Linja Gwida 67 – Il-kompiti tal-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti u li qed jipparteċipaw fil-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għall-gruppi

1.172. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern għall-grupp, il-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra involuti għandhom jaqblu fuq l-iktar allokkazzjoni ta' kompiti effiċjenti u effettiva fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.

1.173. Il-kontrollur tal-grupp, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali l-oħra involuti, għandu jżomm rekord tal-allokkazzjoni tal-kompiti mifthiema u jstabilixxi pjan ta' ħidma u regoli ta' komunikazzjoni biex ikunu segwiti fosthom.

1.174. Fil-każ ta' mudell intern għall-grupp skont l-Artikolu 231, il-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati l-oħrajn għandhom jikkunsidaw li fil-pjan ta' ħidma jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi li jstabilixxu l-allokkazzjoni tal-kompiti u r-regoli ta' komunikazzjoni bejniethom.

1.175. Meta xieraq, il-kontrollur tal-grupp, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti, għandu jaġġorna l-pjan ta' ħidma.

1.176. Il-kontrollur tal-grupp għandu jassigura li l-pjan ta' ħidma jkopri l-linja ta' żmien, il-passi ewlenin u dak li se jirriżulta mill-proċess ta' preapplikazzjoni.

1.177. Il-kontrollur tal-grupp għandu jassigura li l-pjan ta' ħidma, għall-inqas:

- (a) jstabilixxi meta u kif jikkonsulta u jinvolvi fil-proċess ta' preapplikazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti;
- (b) jstabilixxi meta u kif jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra fil-kulleġġ tal-kontrolluri biex jipparteċipaw fil-proċess ta' preapplikazzjoni, u jżomm f'moħħu li l-parteċipazzjoni tagħhom tkun

limitata għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' ċirkustanzi fejn l-esklużjoni ta' partijiet tan-negozju mill-iskop tal-mudell intern tista' twassal għal stima inqas mill-valur proprju materjali tar-riskji tal-grupp, jew fejn il-mudell intern jista' jiġi f'kunflitt ma' mudell ieħor taħt preapplikazzjoni li se jintuża għall-kalkolu tar-Rekwiżit ta' Kapital tas-Solvenza ta' kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-grupp; u

- (c) jidentifika l-prijoritajiet tal-valutazzjoni, u jqis l-iskop tal-mudell intern, l-ispeċifikitajiet ta' kull impriża relatata fil-grupp, il-profil tar-riskju tal-grupp u ta' impriżi relatati fil-grupp u l-informazzjoni disponibbli u rilevanti dwar il-mudell intern.

1.178. Kull meta awtorità nazzjonali kompetenti involuta tidentifika punt sostanzjali ta' tħassib rigward il-proċess ta' preapplikazzjoni, hija għandha taqsam it-tħassib tagħha mal-kontrollur tal-grupp u mal-awtoritajiet nazzjonali involuti mill-iktar fis possibbli.

Linja Gwida 68 – L-eżamijiet fuq il-post konġunti mwettqa matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għall-gruppi

1.179. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern għall-grupp, il-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali involuti għandhom jipproponu u jiddiskutu meta u kif jorganizzaw eżamijiet fuq il-post konġunti biex jivverifikaw kwalunkwe informazzjoni dwar il-proċess ta' preapplikazzjoni, bil-għan li jassigura l-effikaċja ta' dan il-proċess.

1.180. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jipproponu eżami fuq il-post konġunt għandhom jinfurmaw lill-kontrollur tal-grupp billi jindikaw l-iskop u l-għan ta' dan l-eżami, u jqisu l-għanijiet tal-eżami fuq il-post konġunt relatat mal-proċess ta' preapplikazzjoni kif definit mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.

1.181. Il-kontrollur tal-grupp għandu mbagħad jidentifika l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti fil-proċess ta' preapplikazzjoni, l-EIOPA, u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra fil-kulleġġ, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' fergħat sinifikanti kif referuti fl-Artikolu 248(3) tas-Solvenza II, u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli mill-kontroll ta' fergħat oħrajn.

1.182. Meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jipparteċipaw fl-eżami fuq il-post konġunt ikunu identifikati, huma għandhom jiddiskutu u jaqblu fuq l-iskop finali, l-għan, l-istruttura u l-allokazzjoni tal-kompiti tal-eżami.

1.183. L-awtorità nazzjonali kompetenti li torganizza l-eżami fuq il-post, jekk mhux il-kontrollur tal-grupp, għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti lill-kontrollur tal-grupp.

1.184. Il-kontrollur tal-grupp għandu jagħmel id-dokumentazzjoni rilevanti disponibbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti fil-proċess ta' preapplikazzjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li qed jipparteċipaw fl-eżami fuq il-post

konġunt u lill-EIOPA. Il-kontrollur tal-grupp għandu jipprovdi lill-bqija tal-membri tal-kulleġġ u tal-parteċipanti b'lista tad-dokumentazzjoni rilevanti riċevuta u jiprovdihom mad-dokumentazzjoni rilevanti fuq talba speċifika.

- 1.185. Fuq il-bażi ta' rapport li jiddikjara s-sejbiet ewlenin tal-eżami fuq il-post konġunt, l-awtorità nazzjonali kompetenti li qed torganizza l-eżami fuq il-post konġunt għandha tiddiskuti mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti r-riżultat tal-eżami fuq il-post konġunt u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu.
- 1.186. Il-kontrollur tal-grupp għandu jinnotifika lill-bqija tal-membri tal-kulleġġ dwar ir-riżultat u l-azzjonijiet bħala parti mill-komunikazzjoni miftiehma fil-kulleġġ.

Linja Gwida 69 – L-attivitajiet mhux fuq is-sit dwar mudelli interni matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudelli interni għall-gruppi

- 1.187. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern għall-grupp, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiskambjaw u jiddiskutu s-sejbiet ewlenin tal-attivitajiet mhux fuq is-sit mal-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.
- 1.188. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiskambjaw l-approċċ li qed isegwu fir-reviżjoni tal-elementi tal-mudell intern mal-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra.
- 1.189. Jekk, bħala riżultat ta' dan l-iskambju, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti jidentifikaw differenzi sostanzjali fl-approċċi segwiti, huma għandhom jiddiskutu u għandhom jaqblu fuq proċess li jżviluppa approċċi konsistenti meta jqisu li jkun xieraq li jkollhom dan l-allinjament.
- 1.190. Meta jqisu li jkun xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iqisu li jiskambjaw l-għodod u t-tekniki li qed jużaw għar-reviżjoni tal-elementi tal-mudell intern mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.

Linja Gwida 70 – L-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' pajjiżi terzi matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell interni għall-gruppi

- 1.191. Matul il-proċess ta' preapplikazzjoni għall-mudell intern għall-grupp, il-kontrollur tal-grupp u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' pajjiżi terzi għandhomx ikunu kkonsultati u jekk iva liema minnhom.
- 1.192. Qabel ma jikkonsulta mal-awtorità nazzjonali kompetenti ta' pajjiżi terzi, il-kontrollur tal-grupp, bl-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jassiguraw li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-ġurisdizzjoni fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-pajjiżi terzi hija lokalizzata huma ekwivalenti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali li jirriżultaw mis-Solvenza II, Direttivi tal-UE oħrajn u leġiżlazzjoni applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti.

Regoli ta' Konformità u Rapportar

- 1.193. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-Linji Gwida u rakkomandazzjonijiet.
- 1.194. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu konformi jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew ta' superviżjoni tagħhom b'mod xieraq.
- 1.195. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew beħsiebhomx ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-pubblikazzjoni.
- 1.196. Fin-nuqqas ta' rispons sad-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser ikunu kkunsidrati bħala non-konformi mar-rapportar.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjoni

- 1.197. Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.